# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.7

**Kap 5:** ***Twieled għalina***

**Lezzjoni 5.7:** ***Niċċelebraw bil-kbir din il-festa***

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jirrevedu l-istorja tal-Milied.
2. Jieħdu pjaċir jirreċtaw u jsiru jafu aħjar il-personaġġi ta' din l-istorja.
3. Jagħrfu li Ġesù twieled għalina biex aħna mmorru l-ġenna.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

1. Flashcard bil-kelma **Ġesù.**
2. Links mill-Youtube Ferħ u Awguri.
3. Karta ta' taħriġ Addizzjonali.



## Naqsmu flimkien – L-*Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu*

1. Erġa' fakkar fl-istorja tal-Milied u wara Staqsi t-tfal kif qegħdin jippreparaw għall-Milied. It-tweġibiet li jistgħu joħorġu huma:
   - nagħmlu s-siġra tal-Milied
   - narmaw il-presepju
   - narmaw il-Bambin
   - inżejnu t-tieqa/ gallarija
   - nixtru r-rigali
   - nlestu għal jew immorru xi party



2. Staqsi lit-tfal x'jaħsbu: b'dawn l-affarijiet li qed ilestu għaliex il-Milied hija festa ta' ferħ jew tad-dwejjaq?

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

1. Staqsi lit-tfal għaliex fil-Milied ikunu qed jifirħu. L-għan ta' din il-mistoqsija hi jifhmu li qed niċċelebraw għeluq snin Ġesù. Hemm tendenza li t-tfal ser jerġgħu jsemmu l-affarijiet materjali li jkunu għadhom kemm semmew. Jekk isibuha diffiċli biex jaslu għall-għeluq snin Ġesù, tista' tagħtihom xi ħjiel:
   - Tgħid xi ħadd għandu l-birthday.
   - Il-mama' tiegħu jisimha Marija.
   - Poġġejnieh ġol-maxtura.



2. Pinġi jew issib stampa ta' kejk fuq l-IWB u fuqha twaħħal il-flashcard **Ġesù. (Tista' tuża l-Karta ta' taħriġ mogħtija).**
3. Agħlaq billi jkantaw flimkien *Ferħ u Awguri* għaliex hu l-birthday ta' Ġesù. Tista' tuża l-link tal-Kunsill tal-Malti [http://www.youtube.com/watch?v=yzn3POh5Q2s](http://www.youtube.com/watch?v=yzn3POh5Q2s)

## **Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)**




1. Il-Milied ifakkarhom fit-twelid ta' Ġesù.

2. L-isbaħ rigal li jagħtu lil Ġesù huwa li jħobbu aktar

3. Ir-rigali li jagħtu għandhom ikunu mill-qalb u m'hemmx għalfejn jiswew ħafna flus.

4. Mhux li nagħtu jgħodd imma kif nagħtuh.

## **Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Jaraw lil min jistghu jferhu f'dan il-Milied.

(Zjara f'xi dar tat-tfal)

## **Niċċelebraw flimkien** - kartuns

1. It-tfal isegwu l-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù permezz ta' dawn il-links
   http://www.youtube.com/watch?v=NgZKCNTMmaM
   http://www.youtube.com/watch?v=DzzOP9D7I9E
   http://www.youtube.com/watch?v=IvkC0ghWmhw

(kollha meħuda mill-kartuns A King is born)



## **Nitolbu**



*O Ġesu' Bambin, grazzi li twelidt għalina, għaliex inti biss tista' turina kif inkunu bravi biex immorru il-ġenna.*